MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 246/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Chantalle Terreni**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Chantalle Terreni ta’ 43 sena, bint Anthony Joseph Terreni u Yvonne nee’ Said, imwielda nhar id-9 ta’ Novembru 1965, Sliema u residenti 33 Flt 5, Spinola Crt., Upper Gardens, Swieqi, detentrici tal-Karta tal-Identita Numru 525465M.

1. Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer mis-6 ta’ Frar, 2009 u x-xhur ta’ qabel approprjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew sar uzu minnha specifikat liema ammont tal-affarijiet jaqbez dak ta’ Euro 2,329, ghad-dannu ta’ Marie Louise Keene.
2. Akkuzata aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita jedd li ppretendiet li ghandha, gieghlet, bl-awtorita’ taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu, jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ Marie Louise Keene.

Rat in-nota tar-rinvju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta’ Gunju, 2010, fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikoli 18, 85, u 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 23, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ddikjarat li ma’ kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jinstema’ bil- procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li l-partijiet m’ghamlux trattazzjoni la orali u lanqas sottomissjonijiet bil-miktub.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputata kienet tahdem bhala manager ma' socjeta tal-kwerelanti Marie Louise Keene, li kienet tiggestixxi restaurant.
2. Il-kwerelanti u l-imputata kienu hbieb. Kien ghalhekk li meta l-kwerelanti bieghet il-proprjeta taghha u marret tghix f'residenza izghar, sakemm tlesti x-xogholijiet f'post iehor li kienet qieghda tirranga, il-kwerelanta, fuq suggeriment tal-istess imputata, tat certi oggetti lill-imputata biex izzommhomlha id-dar taghha.
3. Gara izda li r-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat u dana principalment minhabba problemi fuq il-post tax-xoghol. Dan wassal sabiex il-kwerelanta itterminat l-impjieg tal-imputata, u l-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali.
4. Il-kwerelanta talbet lura l-oggetti li kienet fdat u ikkunsenjat lill-imputata, izda din irrifjutat li tatihomlha lura, u qaltilha li sejra tapproprja dawn l-affarijiet sabiex jaghmlu tajjeb ghal dak li qed tikkontendi li huwa dovut lilha minhabba l-allegazzjoni taghha li t-tkeccija kienet ingusta.
5. Il-valur komplessiv ta' dawn l-oggetti jissupera l-ammont ta' €2329.00.
6. Marie Louise Keene ghamlet kwerela kontra l-imputata.[1]
7. Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputata fis-6 ta' Frar 2009, l-imputata ikkonfermat li hija ma ridietx tirrilaxxa l-oggetti li gew fdati lilha mill-kwerelanta, ghax inghatat parir legali biex ma tatihomlix lura, qabel ma jintlahaq ftehim fuq il-flus li hi kienet qed tallega li l-kwerelanti kellha ittiha, in vista tat-terminazzjoni tal-impjieg taghha.[2]

Fit-18 ta' Frar 2009, giet iffirmata skrittura privata bejn il-kwerelanta u l-imputata fejn l-kwerelanta hallset lill-imputata somma hemm indikata rapprezentanti flus dovuti lilha in konnessjoni mal-impjieg taghha mas-socjeta tal-kwerelanta, filwaqt li l-imputata obbligat ruhha li tirritorna l-effetti personali,

[1] Ara fol 4 *et seq.* tal-process.
[2] Ara stqarrija tal-imputata a fol. 8 tal-process.

kif ukoll mobbli, proprjeta tal-kwerelanta, li l-imputata kienet qed izzomm id-dar taghha. Il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx pendenzi ulterjuri kontra xulxin.[3]

Sfortunatament, l-ufficjal prosekutur ma giex infurmat b'dan il-ftehim, u huwa hareg ic-citazzjoni in kwistjoni fis-17 ta' Marzu 2009.

Il-kwerelanta Marie Louise Keene xehdet li l-imputata kienet tatha lura l-oggetti personali li kienet fdatilha u qalet ukoll li wara li iffirmaw il-kuntratt, hi u l-imputata kienu ftehmu li l-proceduri kollha, kemm kriminali kemm civili jigu irtirati.[4]

Il-Qorti tifhem din ix-xhieda ta' Marie Louise Keene bhala li hija qed tirrinunzja ghal kwerela. Fil-fatt Marie Louise Keene regghet xehdet aktar tard f'dawn il-proceduri fejn iddikjarat li m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontra l-imputata u li issa *"Everything has been settled."*[5]

**Il-Konsegwenzi tal-Irtirar tal-Kwerela**

Fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tikkunsidra u tittratta il-kwistjoni tal-effett tal-irtirar tal-kwerela minn Marie Louise Keene fuq il-proceduri odjerni. Il-Qorti tifhem li Marie Louise Keene irrinunzjat ghal kwerela taghha ai termini tal-Artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jippreskrivi illi *"(1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b'talba tal-parti privat, il-kwerelant jista', f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela."*

Pero, l-imputata hija akkuzata kemm bir-reat ta' misapproprjazzjoni kif ukoll bir-reat ta' *ragion fattasi*. Ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, ir-reat ta' misapproprjazzjoni semplici jehtieg il-kwerela tal-parti leza, izda ir-reat ta' *ragion fattasi* kontemplat fl-Artikolu 85(1) huwa reat ta' ordni pubbliku, u l-proceduri jistghu jitmexxew mill-pulizija *ex officio.*

---

[3] Ara Dok CT1 a fol. 18 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Marie Louise Keene a fol. 31-32 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Marie Louise Keene a fol. 51 tal-process.

Konsegwentement minkejja l-fatt li l-kwerela giet irtirata, dan ma jiswa' ghal xejn ghax fil-kaz odjern, l-azzjoni xorta wahda hija prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija, skont il-ligi u skont il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati. Dan il-punt legali, ormai gie trattat u ritrattat fil-gurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Stephen Bonsfield** deciza fis-27 t'April 2006, li kienet titratta allegat stupru u sekwestru tal-persuna, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet hekk:

*"Illi hu minnu li dwar ir-reat ta' stupru kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali w dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur kontemplat fl-artikolu 207, ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata skont l-artikolu 544(a) u (c) tal-istess Kodici, pero l-proviso tal-istess artikolu 544 jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.*

*Issa, apparti l-akkuza ta' stupru vjolent, attentat vjolent ghall-pudur u dik ta' ferita ta' natura hafifa, li jridu jitmexxew bil-kwerela tal-parti leza u li ghalhekk huma rinunzjabbli, l-appellant gie akkuzat ukoll b'arrest illegali tal-istess martu skont l-artikoli 86, 87 u 88 tal-Kodici Kriminali, li indubbjament huwa reat ta' ordni pubbliku w li m'huwiex rinunzjabbli."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid hekk:

*"Din il-Qorti diversament preseduta irriteniet li "r-reat ta' istanza privata huwa "akkumpanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta iz-zewg reati jkunu konkorrenti, billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg disposizzjonijiet tal-ligi kriminali, b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati" (Ara Il-Pulizija v. Karmenu Cassar [21.4.1945] Kollez. XXXII-iv p. 895 per Harding J.)*

*Fid-dawl ta' dan huwa ovvju li r-reat ta' arrest illegali zgur li mhux rinunzjabbli w r-reat ta' stupru vjolenti, u attentat vjolent ghal pudur li taghhom wkoll nstab hati l-appellant kienu akkompanjati minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe r-reat kontemplat fl-artikoli 86, 87, 88 tal-Kodici Kriminali li ukoll gie akkuzat bih u li tieghu ukoll instab hati mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk, l-azzjoni kriminali*

*ma kienitx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija "ex officio". Ergo kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri mill-allegata vittma ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-appellant u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju. L-irtirar tal-kwerela ghal massimu seta jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux b'mod li jista josta b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri. (ara App. Krim.: Il-Pulizija vs. Godfrey Demanuele [5.6.2003]."*

Fid-dawl tal-gurisprudenza suesposta, ladarba r-reat ta' misapproprjazzjoni semplici fil-kaz odjern huwa "akkumpanjat" mir-reat ta' *ragion fattasi* li mhux rinunzjabbli u li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali odjerna ma kienitx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza u setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija *ex officio*. Konsegwentement, kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri odjerni mill-allegata vittma ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-imputata u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-meritu tal-imputazzjonijiet.

**Il-Meritu**

Mill-provi prodotti u fuq elenkati, gie ippruvat sal grad rikjest fil-kamp penali, li l-imputata hija hatja tar-reat kontinwat ta' misapproprjazzjoni semplici kontemplata fl-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali kif ukoll tar-reat kontinwat ta' *ragion fattasi* kontemplat fl-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali.

Pero, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mill-provi ma jirrizultax l-aggravvju ghar-reat ta' misapproprjazzjoni kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, stante li l-imputata ma taqa' taht l-ebda wahda mill-kategoriji kontemplati f'dak l-Artikolu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li dawn il-proceduri kriminali kienu rizultat ta' tilwima civili bejn il-kwerelanta u l-imputata, u li l-kontendenti irrizolvew il-pendenzi ta' bejniethom f'qasir zmien – sahansitra qabel kienu inbdew dawn il-proceduri. Fil-fatt il-ftehim bil-miktub bejn il-partijiet sar qabel giet ipprezentata din ic-citazzjoni, u l-oggetti gew ritornati lura mill-imputata qabel bdew dawn il-proceduri.

Mill-fedina penali aggiornata tal-imputata jirrizulta li hija ghandha biss kundanna wahda minn dawn il-Qrati, talli ma harigitx ricevuta tal-VAT.

Bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors ideali jew formali tar-reati, ir-reat ta' *ragion fattasi* huwa assorbit fir-reat ta' misapproprjazzjoni.

Huwa vera li l-valur komplessiv ta' l-oggetti in kwistjoni kien wiehed konsiderevoli stante li kien jissupera l-ammont ta' €2,329. Pero huwa vera wkoll li l-kwerelanta xehdet li m'ghandhiex interess f'dawn il-proceduri, ghax il-pendenzi bejnha u bejn l-imputata gew kollha rizolti.

Ghalkemm dan kien reat kontinwat, il-Qorti ma jidhrilhiex li fic-cirkostanzi ghandu jkun hemm zieda fil-piena.

In oltre, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma jidhrilhiex li piena karcerarja hija idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qieghda tilliberha minnha, issib lill-imputata hatja tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 293, 310(a) (kif kien qabel gie emendat bl-Att XXIV tal-2014) u 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------